MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 114/2012

**Caravel Limited**
**(C 9406)**

**vs**

**Roderick Falzon (ID 328877M) f'ismu proprju kif ukoll ghan nom ta' Comprod-Group Ltd (C 28020)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Marzu 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames t' elef, sitt mija u hamsin Euro (€5,650) rapprezentanti ammont rifuzjoni ta' ammont imhallas a favur il-konvenuti ghal investiment kongunt bejn il-partjiet, liema ammont klelu jithallas lura sa mhux aktar tad mit-30 ta' Ottubru 2011 ai termini ta' skrittura tat-28 ta' Gunju 2011.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta’ sekwestru, u bl-imghax mit-30 ta’ Ottubru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ St. Venera, w il-Kunsill Lokali ta’ St. Venera u fil-post tal-konvenut gewwa St Venera fl-4 ta’ Gunju 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Julian Caruana datati 4 ta’ Gunju 2013.

Rat illi is-socjeta’ konvenuta giet ukoll notifikata b’avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta’ Gunju 2013.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta’ Gunju, 2013 il-konvenut, tramite il-konsulent legali tieghu, ammetta t-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut u wara illi rat in-nota ta’ ammissjoni, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’** hames t’elef, sitt mija u hamsin Euro (€5,650) kif ahjar deskritti fl-avviz, **flimkien mal-ispejjez u imghax ulterjuri mit-30 ta’ Ottubru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, b’dan illi l-pagamenti tas-somma dovuta ghanda ssir permezz ta’ pagamenti rateali ta’ mitejn Euro fix-xahar (€200) li jibdew isiru mill-31 ta’ Lulju 2013 u jibqghu jithallsu sakemm l-ammont kollu fuq indikat jithallas lis-socjeta rikorrenti, b’dan illi jekk jonqos pagament wiehed, is-somma kollha li ghad fadal dovuta, tkun dovuta immedjatament.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------